31988D0646

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tal-21 ta' Diċembru 1988
dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija fuq l-importazzjoni fil-Komunità ta' konċentrati tat-tadam li joriġinaw fl-Alġerija

(88/646/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat illi jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkonsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni,

Billi l-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Rebubblika Demokratika tal-Poplu ta' l-Alġerija [1] ġie ffirmat fis-26 ta' April 1976 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 1978;

Billi l-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Rebubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija dwar l-importazzjoni għal ġewwa l-Komunità ta' konċentrati tat-tadam li joriġinaw fl-Alġerija għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' l-Ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Rebubblika Demokratika tal-Poplu tal-Alġerija dwar l-importazzjoni għal ġol-Komunità ta' konċentrati tat-tadam li joriġinaw fl-Alġerija huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat illi jinnomina l-persuna li jkollha s-setgħa li tiffirma l-Ftehim għall-iskop li torbot lill-Komunità.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fil-21 ta' Diċembru 1988.

Għall-Kunsill

Il-President

V. PAPANDREOU

[1] ĠU L 263, tas-27.9.1978, p. 2.